A.L. 283 ta' l-2003

ATT TA' L-2001 DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI
(ATT NRU. XXIII TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2003 dwar l-Aċċettazzjoni għal Raġunijiet ta' Tnissil ta' Annimali ta' Speċi Bovina tar-Razza Pura għat-Tnissil

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 34(a) ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2003 dwar l-Aċċettazzjoni għal raġunijiet ta' tnissil ta' annimali ta' speċi bovina tar-razza pura għat-tnissil.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazzjoni tar-regoli imniżżla taħt id-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 87/328/EEC dwar l-aċċettazzjoni għal raġunijiet ta' tnissil ta' annimali ta' l-ispeċi bovina tar-razza pura għat-tnissil.

Aċċettazjoni ta' annimali femminili ta' l-ispeċi bovina ta' razza pura għat-tnissil u aċċettazjoni ta' barrin ta'razza pura għal servizz naturali

2. Fit-territorju ta' Malta, mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' saħħa ta' l-annimali, ma hemm l-ebda projbizzjoni, restrizzjoni jew impediment dwar l-aċċettazzjoni ta' annimali femminili ta' l-ispeċi bovina tar-razza pura għal tnissil u l-aċċettazzjoni ta' barrin tar-razza pura għal servizz naturali.

Ghall-iskop ta' dawn ir-regolamenti "Sieħeb fil-kummerċ" skond kif imfisser fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji tfisser –

(i) Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropeja;

(ii) Pajjizi terzi fir-rigward ta' l-Unjoni Ewropeja.

Aċċettazjoni għat-testjar ufficjali u inseminazjoni artificjali ta' barrin ta' razza pura

3. (1) Fit-territorju ta' Malta mhux projbit, ristrett jew miżmum -

(a) li jigi aċċettati għal testjar uffiċjali ta' barrin tar-razza pura jew l-użu tas-semen tagħhom fil-limiti tal-kwantitajiet meħtieġa għal organizzazzjonijiet jew għaqdiet approvati biex iwettqu dawn it-testijiet uffiċjali,

(b) li jigu aċċettati għal inseminazzjoni artifiċjali fit-territorju tagħha ta' barrin tar-razza pura jew l-użu tas-semen tagħhom meta dawk il-barrin ikunu ġew aċċettati għal inseminazzjoni artifiċjali fi stati membri fuq il-bażi ta' testijiet imwettqa skond id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 86/130/EEC jew regoli korrispondenti fl-Istati Membri.

(2) Meta l-implimentazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet jagħtu lok għal disgwid, partikolarment dwar l-interpretazzjoni tat-testijiet, l-operaturi għandu jkollhom id-dritt li jfittxu l-opinjoni ta' espert. Mbagħad, fid-dawl ta' l-opinjoni ta' l-espert, jistgħu jigi adottati miżuri.

Identifikazjoni ta' barrin ta' razza pura bl-analiżi tal-grupp tad-demm

4. Fit-territorju ta' Malta l-użu ta' barrin tar-rażża pura u s-semen tagħhom riferit fir-regolament 3 huwa soġġett għal identifikazzjoni tal-barrin inkwistjoni b'analiżi tal-grupp tad-demm jew b'xi metodu ieħor xieraq adottat skond il-proċedura ta' l-artikolu 34 (a) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Ġbir, trattament u ħżin tas-semen

5. Għal kummerċ ma' stati membri, is-semen riferit fir-regolament 3 jinġabar, ikun trattat u maħżun f'ċentru ta' inseminazzjoni artifiċjali uffiċjalment approvat.

Centri ta' riferenza maħtura mill-Komunita' Ewropea

6. Il-Komunita' Ewropea għandha taħtar xi wieħed jew aktar ċentri ta' riferenza li għandhom ikunu responsabbli ghall-kollaborazzjoni fl-armonizzazzjoni ta' metodi ta' prova u valutazzjoni tar-riżultati.